I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-577 SESSJONI PLENARJA TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, 22.3.2023–23.3.2023

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Magħqudin għad-Demokrazija"

(2023/C 184/01)

Relaturi: **Stefano MALLIA (MT-I)**
Oliver RÖPKE (AT-II)
Séamus BOLAND (IE-III)

Bażi legali	Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura
Adozzjoni fil-plenarja	23.3.2023
Sessjoni Plenarja Nru	577
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	181/0/5

L-irkupru wara l-pandemija, il-valuri demokratiċi, l-ispazju ċiviku, il-libertà tal-midja, id-diversità u d-demokrazija liberali huma kollha taħt pressjoni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri tal-UE, u dawn iddeterjoraw mill-bidu tal-gwerra fuq art Ewropea: inqas minn 50 % tal-popolazzjoni tad-dinja tgħix f'sistema demokratika.

Hekk kif id-dinja qed tkompli tixhed il-gwerra atroċi fl-Ukrajna u l-konsegwenzi umanitarji, soċjali u ekonomiċi devastanti tagħha, il-KESE qed iniedi sejħa biex jissaħħu d-demokrazija u l-valuri demokratiċi.

Il-mobilizzazzjoni straordinarja tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE li joffru assistenza umanitarja, loġistika u medika lill-poplu Ukren uriet ukoll l-importanza ta' soċjetà ċivili konnessa tajjeb, effiċjenti u vibranti. Lil hinn mill-Ukrajna, qed naraw ukoll movimenti fil-livell lokali li qed jiġġieldu għad-demokrazija fl-Iran, il-Belarussja u l-Moldova. It-tisħiħ tagħhom isaħħaħ id-demokraziji.

Issa huwa aktar importanti minn qatt qabel li ninvestu biex id-demokraziji jsiru aktar reżiljenti u aktar kapaċi jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tagħna, nibnu paċi u stabbiltà fit-tul u fl-aħħar mill-aħħar inwasslu l-prosperità għal kulħadd.

M'hemmx dubju li għandna nimpenjaw ruħna f'riflessjoni konġunta dwar approċċi ġodda għat-tisħiħ tal-istrutturi għad-demokrazija parteċipattiva. Soċjetà ċivili b'saħħitha, indipendenti u diversa hija aktar importanti minn qatt qabel bħala ingredjent ewlieni biex jiġu żgurati ċittadinanza attiva u demokrazija reżiljenti li tista' tissalvagwardja l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-libertà tal-espressjoni u l-integrità tal-istil ta' ħajja demokratiku tagħna. Id-demokrazija fl-UE hija intrinsikament u irrevokabbilment marbuta mal-kunċetti tal-ugwaljanza, il-ġustizzja, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE.

Fi żminijiet ta' bidla u sfidi kumplessi, id-demokrazija deliberattiva/parteċipattiva tista' tkun parti minn stampa akbar tal-bidla sistemika li hija meħtieġa. Hemm ħafna eżempji li, jekk jiġu implimentati b'mod effettiv, jistgħu jippermettu lil dawk li jfasslu l-politika jieħdu deċiżjonijiet ibsin dwar il-problemi l-aktar diffiċli tal-politika pubblika u jsaħħu l-fiduċja bejn iċ-ċittadini u l-gvern. Il-prerekwiżit huwa li jiġi ggarantit li din tqis id-diversità tal-fehmiet u d-dritt li dawn jiġu espressi liberament. Madankollu, id-demokrazija parteċipattiva mhijiex rimedju għal kollox. Is-soċjetajiet demokratiċi jiffaċċjaw firxa wiesgħa ta' sfidi, li jeħtieġu metodi differenti ta' parteċipazzjoni. Il-governanza demokratika għalhekk teħtieġ l-użu ta' mekkaniżmi differenti għal skopijiet differenti, biex jittieħed vantaġġ mis-saħħiet u d-dgħufijiet tagħhom.

Irridu nfittxu b'mod kollettiv bilanċ ġdid bejn id-demokrazija rappreżentattiva, id-demokrazija parteċipattiva, u d-demokrazija diretta.

Il-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa dwar id-demokrazija Ewropea tad-9 ta' Mejju 2022, speċifikament il-proposti 36 u 39, **jistabbilixxu l-objettivi li tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u jissaħħu l-istrutturi għad-demokrazija parteċipattiva u l-azzjonijiet deliberattivi**. Fid-dawl tar-riżultati tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u r-rwol importanti li diġà għandu l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), il-KESE jixtieq jiddeskrivi diversi għażliet li jistgħu jipprovdu pjan iddettaljat għal riformi istituzzjonali biex jaqdu bl-aħjar mod l-għanijiet tal-KESE.

F'dan l-isfond, u abbażi tal-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili 2023, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE):

1. jappella għall-implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 11 tat-TUE, inkluża **strateġija Ewropea għas-soċjetà ċivili** u Statut Ewropew tal-Assoċjazzjonijiet biex jiġu konnessi elementi kostitwenti differenti għal spazju verament inklużiv u li jagħti s-setgħa, sabiex jiġġedded l-involviment u jiġi implimentat djalogu ċivili strutturat fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inkluż billi s-soċjetà ċivili organizzata tiġi mistiedna, b'mod partikolari, għal Summits Soċjali u konferenzi ta' livell għoli. Jekk is-settur tas-soċjetà ċivili jrid ikollu involviment aktar sinifikanti u wiesa', ir-riżorsi huma importanti wkoll. Huma meħtieġa opportunitajiet ta' finanzjament aħjar u oqfsa ta' politika ġusti u trasparenti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluża l-protezzjoni transfruntiera, biex jibnu l-kapaċità u r-reżiljenza għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, l-ekonomija soċjali u s-settur tal-volontarjat, kif ukoll l-aċċess għal riżorsi flessibbli u sostenibbli, kemm jekk privati kif ukoll jekk pubbliċi;

2. jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol ewlieni tas-soċjetà ċivili organizzata u tal-imsieħba soċjali fl-appoġġ għad-demokrazija deliberattiva, li tikkomplementa d-demokrazija rappreżentattiva, biex jissaħħaħ aktar id-djalogu ċivili fl-Istati Membri kollha u fil-livell tal-UE. Is-saħħa u s-setgħa tad-demokraziji Ewropej huma bbażati fuq kooperazzjoni solida u fuq skala wiesgħa bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, li għandha tgħin biex tinbena l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, peress li organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti huma "gwardjani tal-ġid komuni", bi rwol ċentrali fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli, il-promozzjoni ta' innovazzjonijiet soċjetali u l-bini ta' fiduċja reċiproka fi ħdan is-soċjetajiet. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jgħinu wkoll biex jiġu identifikati l-proċessi, jipprovdu għarfien espert biex tiżdied id-diversità tad-dibattiti, u jiffaċilitaw id-demokrazija parteċipattiva kif stabbilit fit-Trattati;

3. jappella għal approċċ olistiku u kooperattiv dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ biex jiġu ffaċċjati l-isfidi attwali. Politika Ewropea għall-ħiliet għandha titfassal flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, li għandhom kapital politiku, għarfien konkret u fehim tal-ħtiġijiet u n-nuqqasijiet attwali; f'dal-kuntest jitlob li l-2025 tiġi ddeżinjata bħala s-Sena Ewropea tal-Voluntieri, peress li s-settur għandu rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ħiliet informali

4. jenfasizza li l-kompetenzi trasversali huma s-sinsla vera ta' demokrazija parteċipattiva u deliberattiva: il-kooperazzjoni, il-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi, il-ġestjoni demokratika u kollettiva, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, l-edukazzjoni ċivika u l-litteriżmu medjatiku. Dawn il-kompetenzi huma ċentrali għall-ġlieda kontra x-xejriet antidemokratiċi, għall-promozzjoni tal-valuri Ewropej u biex jingħelbu d-distakki soċjoekonomiċi u politiċi attwali u, fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali jingħataw is-setgħa li jfasslu politiki b'mod konġunt permezz ta' mezzi konsultattivi jew parteċipattivi biex jinkisbu r-responsabbiltà, it-trasparenza u ċ-ċittadinanza attiva;

5. huwa impenjat li jgħin fl-iżvilupp ulterjuri ta' għodod biex tissaħħaħ id-demokrazija parteċipattiva u deliberattiva, bħall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u l-Konsultazzjonijiet Pubbliċi Online tal-UE, li jeħtieġ li jkunu kompletament aċċessibbli u kkomunikati lill-pubbliku ġenerali;

6. jenfasizza l-importanza tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 u tar-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-votanti u s-sentiment pro-Ewropew, kif ukoll fil-ġlieda kontra l-astensjoni u d-diżinformazzjoni. Il-KESE jistieden lill-familji politiċi Ewropej biex jenfasizzaw, fil-manifesti elettorali tagħhom, ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tisħiħ tal-ħajja demokratika;

7. itenni r-rieda tiegħu, flimkien ma' organizzazzjonijiet usa' tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet tal-UE, li jaġixxi bħala medjatur biex jiddibatti l-proġett Ewropew maċ-ċittadini, li jmur lil hinn minn dawk li diġà huma konvinti, u li jilħaqhom fil-komunitajiet, it-territorji, il-bliet u l-irħula tagħhom. Għalhekk huwa vitali li jinħolqu l-possibbiltajiet għall-parteċipazzjoni f'dibattiti pubbliċi u li titrawwem kultura ta' parteċipazzjoni fil-livelli kollha;

8. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi, fl-organizzazzjoni tagħha, għal persuni ta' kuntatt responsabbli għad-djalogu ċivili. Għandha taħdem ukoll mal-Istati Membri biex issaħħaħ l-istrutturi tad-djalogu ċivili u tappoġġja l-ħolqien tagħhom fejn għadhom ma jeżistux, billi jiġu sfruttati l-fondi Ewropej. Din l-inizjattiva tissensibilizza u ttejjeb il-kwalità tad-djalogu ċivili, u b'hekk tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jifhmu aħjar il-benefiċċji li djalogu ċivili li jiffunzjona tajjeb jista' jġib għat-tfassil tal-politika. Barra minn hekk, id-djalogu ċivili jissaħħaħ permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u monitoraġġ, li jwasslu għall-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki;

9. jenfasizza f'dan ir-rigward li l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ huwa partikolarment importanti fil-mobilizzazzjoni tal-votanti li qed jivvutaw għall-ewwel darba u tal-votanti żgħażagħ. Sabiex tinkiseb rappreżentanza sħiħa, huwa meħtieġ li jiġu appoġġjati soluzzjonijiet li jippermettu involviment wiesa' u jrawmu l-ugwaljanza tal-opportunitajiet f'dan ir-rigward. Jeħtieġ li jintlaħqu dawk li huma l-aktar 'il bogħod miċ-ċentri tat-teħid tad-deċiżjonijiet u li jsiru diskussjonijiet magħhom. Parteċipazzjoni akbar fil-livell lokali tidher li hija neċessità;

10. barra minn hekk, jistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Istati Membri jemendaw l-Att Elettorali tal-1976 bħala kwistjoni ta' urġenza, biex jiċċaraw il-prinċipji tal-universalità, tad-direttezza u tas-segretezza tal-elezzjonijiet. Dan jippermetti l-implimentazzjoni ta' standards fl-UE kollha, u b'hekk jiggarantixxi d-drittijiet tal-vot għall-persuni b'diżabilità.

Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq u tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-KESE:

11. iqis il-Protokoll iffirmat reċentement dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (27 ta' Ottubru 2022) bħala impenn politiku mġedded biex jikkontribwixxi għall-aġenda politika Ewropea u għall-għan, l-objettivi ([1]) u l-aspirazzjonijiet ewlenin tal-Ewropa, jiġifieri l-kisba ta' Unjoni Ewropea li tkun kompetittiva, ekonomikament prospera, soċjalment inklużiva u ambjentalment sostenibbli, u fl-istess ħin jiġi żgurat li t-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika, id-diġitalizzazzjoni u t-tibdil demografiku jkunu soċjalment ekwi u ġusti, u li l-Patt Ekoloġiku Ewropew u d-Deċennju Diġitali tal-2030 jirnexxu għall-Ewropej kollha. L-Unjoni Ewropea trid tkun iggwidata wkoll mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u minn Aġenda tal-Kompetittività, il-pjani direzzjonali politiċi li jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

12. jinsab lest – u, issa aktar minn qatt qabel, għandu l-leġittimità – li jaġixxi bħala ċentru ewlieni għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili organizzata, inklużi panels futuri taċ-ċittadini. Ir-rwol ta' ċentru bħal dan ikun li jimmultiplika l-effett tal-konsultazzjonijiet taċ-ċittadini li għaddejjin bħalissa, organizzati mill-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet oħra, kif ukoll li jiġbor b'mod sistematiku feedback mis-soċjetà ċivili organizzata Ewropea dwar il-prijoritajiet u l-politiki ewlenin kollha tal-aġenda politika Ewropea. Dan se jgħin biex tissaħħaħ il-fiduċja pubblika fil-proġett tal-UE u fl-istituzzjonijiet tagħha billi jagħti liċ-ċittadini rwol effettiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi. Il-KESE jkun ospitant biex jiggwida, jissorvelja, ifassal, jorganizza, imexxi, u jiffaċilita l-proċessi deliberattivi bl-għajnuna ta' esperti esterni u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Din l-offerta tibni, b'mod partikolari, fuq ir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tad-9 ta' Mejju 2022 li jitlob b'mod espliċitu li "jissaħħaħ ir-rwol istituzzjonali tal-Kumitat u jingħata s-setgħa bħala faċilitatur u garanti ta' attivitajiet ta' demokrazija parteċipattiva bħad-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-panels taċ-ċittadini". F'dan il-kuntest, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja tal-KESE u l-Opinjonijiet esploratorji tiegħu mitlubin mill-Kummissjoni għandhom jiġu riveduti permezz ta' evalwazzjonijiet tal-politiki tal-UE, fejn rilevanti;

13. huwa tal-fehma li l-panels taċ-ċittadini u l-konsultazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jiffukaw fuq it-tfassil tal-aġenda, bħat-tħejjija tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, jew jistgħu jkunu marbuta maċ-ċiklu tal-ħajja tal-prijoritajiet leġiżlattivi ewlenin. Il-kontribut taċ-ċittadini jista' jkun l-aktar utli fil-fażi preleġiżlattiva, biex jiġi deliberat u jsiru rakkomandazzjonijiet qabel ċerti proposti (leġiżlattivi) ewlenin. Għal dan l-għan, jistgħu jsiru konsultazzjonijiet mal-panels taċ-ċittadini u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili abbażi ta' pjan direzzjonali u skeda ta' żmien annwali, stabbiliti mill-KESE f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej. Dan jista' jinkludi talbiet speċifiċi mill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, mill-KESE nnifsu fuq inizjattiva tiegħu stess, jew fuq l-inizjattiva tal-organizzazzjoni msieħba tiegħu, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni;

14. itenni li ċ-ċiklu ta' attività jista' jibda bid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni u d-dikjarazzjoni ta' intenzjoni, bi tħejjija għall-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni Ewropea għas-sena ta' wara. Il-konsultazzjonijiet isiru matul l-ewwel nofs tas-sena ta' wara;

([1]) L-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

15. bħala komplement għall-għodod biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt, se jkompli jipproponi lil istituzzjonijiet oħra tal-UE l-istabbiliment ta' Forum annwali tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt. Dan il-Forum se jtejjeb il-monitoraġġ billi jippermetti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE jirċievu twissija bikrija mis-soċjetà ċivili organizzata u mill-organizzazzjonijiet lokali mill-Istati Membri kollha tal-UE, fir-rigward tal-applikazzjoni sħiħa u trasparenti tal-Artikolu 2 tat-TUE. Barra minn hekk, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinkludi kapitolu dwar is-soċjetà ċivili fir-reviżjoni li jmiss tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea. Il-KESE se jaqdi wkoll rwol importanti fil-monitoraġġ tal-proċessi ta' adeżjoni tal-pajjiżi kandidati u jiffaċilita diskussjoni sinifikanti mal-partijiet involuti biex jiġi żgurat li l-valuri Ewropej jiġu rispettati, inklużi dawk li jaffettwaw il-minoranzi nazzjonali u etniċi;

16. se jniedi Ġimgħa Ewropea tas-Soċjetà Ċivili, biex isaħħaħ ir-rwol tiegħu bħala d-Dar tas-Soċjetà Ċivili Ewropea u jwessa' l-firxa tal-inizjattivi ewlenin tiegħu, bħall-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili, Jum l-IĊE, L-Ewropa Tiegħek, Leħnek u l-Premju għas-Soċjetà Ċivili. Din l-inizjattiva se tlaqqa' flimkien atturi ewlenin fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej u nazzjonali, u tipprovdi forum għal djalogu dwar kwistjonijiet li huma ta' tħassib għall-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew. Il-KESE se jfittex li jsaħħaħ l-attività fil-livell lokali sabiex jilħaq kemm jista' jkun lil dawk li għandhom opportunitajiet limitati biex jieħdu sehem f'dibattiti dwar kwistjonijiet Ewropej u biex jiżgura li l-vuċijiet tagħhom jitqiesu fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Brussell, it-23 ta' Marzu 2023.

Christa SCHWENG
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew